ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 90

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 51

2 ta' April 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 291/2008 ta' l-1 ta' April 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........................ 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 292/2008 ta' l-1 ta' April 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1580/2007 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u l-ħxejjex** ........ 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 293/2008 ta' l-1 ta' April 2008 li jemenda l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 għal dak li għandu x'jaqsam mal-limiti nazzjonali stabbiliti fl-anness imsemmi** ........ 5

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kummissjoni**

2008/283/KE:

★ **Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2007 dwar l-iskema ta' għajnuna implimentata mill-Belġju għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni stabbiliti fil-Belġju u li temenda d-Deċiżjoni 2003/757/KE** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5416)* [1] ........ 7

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE



L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 291/2008

## ta' l-1 ta' April 2008

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-2 ta' April 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' April 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

[1] ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**tar-Regolament ta' l-Kummissjoni ta' l-1 ta' April 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | JO | 69,1 |
| | MA | 43,2 |
| | TN | 125,1 |
| | TR | 89,8 |
| | ZZ | 81,8 |
| 0707 00 05 | JO | 178,8 |
| | TR | 165,0 |
| | ZZ | 171,9 |
| 0709 90 70 | MA | 43,9 |
| | TR | 138,6 |
| | ZZ | 91,3 |
| 0805 10 20 | EG | 44,4 |
| | IL | 62,8 |
| | MA | 53,6 |
| | TN | 53,6 |
| | TR | 58,2 |
| | ZZ | 54,5 |
| 0805 50 10 | IL | 117,7 |
| | TR | 109,8 |
| | ZA | 148,3 |
| | ZZ | 125,3 |
| 0808 10 80 | AR | 88,2 |
| | BR | 83,7 |
| | CA | 80,7 |
| | CL | 91,8 |
| | CN | 81,3 |
| | MK | 52,2 |
| | US | 120,9 |
| | UY | 63,4 |
| | ZA | 71,7 |
| | ZZ | 81,5 |
| 0808 20 50 | AR | 78,1 |
| | CL | 80,1 |
| | CN | 53,4 |
| | ZA | 88,0 |
| | ZZ | 74,9 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 292/2008

## ta' l-1 ta' April 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1580/2007 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u l-ħxejjex

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/2007 tas-26 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward is-settur tal-frott u l-ħxejjex u li jemenda d-Direttivi 2001/112/KE u 2001/113/KE u r-Regolamenti (KEE) Nru 827/68, (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96, (KE) Nru 2826/2000, (KE) Nru 1782/2003 u (KE) Nru 318/2006 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2202/96 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 42(a), (b) u (j) tiegħu,

Billi:

(1) L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 80(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 [2] jistabbilixxi limitu fuq l-irtirar mis-suq espress bħala proporzjon tal-volum tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq ta' kwalunkwe prodott fi kwalunkwe organizzazzjoni ta' produtturi. Bil-għan li titħeġġeġ id-distribuzzjoni ħielsa bħala destinazzjoni għal tali rtirar, dak il-limitu ma għandux jinkludi prodotti mibgħuta għad-distribuzzjoni ħielsa.

(2) It-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 80(2) jipprovdi għal marġni ta' żball ta' 3 % fil-kalkolu tal-volum tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq. Billi dawn it-termini aktarx jistgħu jitqiesu li mhumiex ċari biżżejjed, għall-finijiet taċ-ċarezza, din id-dispożizzjoni għandha tirreferi għal marġni ta' eċċess ta' 3 %.

(3) L-Artikolu 55(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 jipprovdi li l-programmi operattivi approvati qabel il-31 ta' Diċembru 2007 jistgħu jiġu mmodifikati biex jilħqu r-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament. Madankollu, tali modifiki jeħtieġu li l-Istat Membru kkonċernat jadotta strateġija nazzjonali skond dak ir-Regolament, u dan jista' jirrikjedi żmien twil fis-sena 2008.

(4) Ma jistax isir irtirar mis-suq skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 [3] wara l-31 ta' Diċembru 2007, wara l-emendi li saru għal dak ir-Regolament permezz tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

(5) Barra minn hekk, jixraq li tkun permessa fl-2008 l-introduzzjoni rapida tal-miżuri l-ġodda ta' prevenzjoni u ġestjoni ta' kriżijiet, fejn dan ikun vijabbli mil-lat amministrattiv u jkunu jistgħu jsiru l-verifiki xierqa, partikolarment dawk li jirrigwardaw il-promozzjoni, il-komunikazzjoni u t-taħriġ.

(6) Għaldaqstant, sabiex tkun permessa t-tranżizzjoni bla xkiel bejn l-iskemi rregolati mir-Regolament (KE) Nru 2200/96 u (KE) Nru 1182/2007, kif ukoll l-implimentazzjoni rapida ta' dawk il-miżuri ġodda ta' prevenzjoni u ġestjoni ta' kriżijiet, u sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni bla bżonn tal-miżuri ta' rtirar mis-suq, jeħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jagħmlu eliġibbli l-infiq fuq tali miżuri applikati mill-1 ta' Jannar 2008, inkluż fejn operazzjoni fil-qafas ta' miżura ssir qabel ma l-programm operattiv ikkonċernat ikun ġie mmodifikat biex jinkludi dik il-miżura. Għal raġunijiet simili, l-Istati Membri għandhom jitħallew jawtorizzaw modifiki għal miżuri fi programmi eżistenti skond l-Artikolu 55(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007 biex ikopru l-infiq li jsir mill-1 ta' Jannar 2008.

(7) Għall-iskopijiet ta' tmexxija tajba, l-operazzjoni għandha tirrispetta wkoll il-kundizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007, filwaqt li l-istrateġija nazzjonali u l-programm operattiv għandhom jiġu mmodifikati biex ikopru l-miżura kkonċernata qabel ma ssir applikazzjoni għall-ħlas ta' l-għajnuna korrispondenti.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 1580/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(9) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

[1] ĠU L 273, 17.10.2007, p. 1.
[2] ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.
[3] ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 80(2), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'li ġej:

"2. L-irtirar mis-suq ma għandux jeċċedi 5 % bħala proporzjon tal-volum tal-produzzjoni mqiegħda fis-suq ta' kwalunkwe prodott fi kwalunkwe organizzazzjoni ta' produtturi. Madankollu, l-ammonti li jitqassmu skond wieħed mill-modi msemmija fil-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, jew bi kwalunkwe mod ieħor approvat mill-Istati Membri skond l-Artikolu 81(2), ma għandhomx jitqiesu f'dak il-proporzjon".

2. Fl-Artikolu 80(2), it-tielet subparagrafu jinbidel b'li ġej:

"Il-perċentwali msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu medji annwali fuq perjodu ta' tlett snin, b'marġni annwali ta' eċċess ta' 3 %."

3. Fl-Artikolu 152(2), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-infiq fuq miżura waħda jew aktar ta' prevenzjoni u ġestjoni ta' kriżijiet, relatati ma' l-irtirar mis-suq, il-promozzjoni, il-komunikazzjoni u t-taħriġ, li jsiru fl-2008 minn organizzazzjoni ta' produtturi, ikun eliġibbli anki jekk il-programm operattiv ma jkunx għadu ġie modifikat biex ikopri l-miżuri kkonċernati. Biex dan l-infiq ikun eliġibbli:

(a) l-Istat Membru għandu jiżgura li l-istrateġija nazzjonali tiegħu adottat fl-2008 skond dan ir-Regolament tkopri l-miżuri kkonċernati,

(b) il-programm operattiv għandu jkun modifikat fl-2008 skond dan ir-Regolament, biex ikopri l-miżuri kkonċernati qabel ma ssir applikazzjoni għall-ħlas ta' l-għajnuna korrispondenti, u

(ċ) il-miżuri u kwalunkwe verifika li ssirilhom għandhom ikunu konformi ma' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li modifika għal miżura fil-qafas ta' programm operattiv eżistenti, imwettqa skond il-punt (b) ta' l-Artikolu 55(3) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007, tkopri l-infiq fuq l-operazzjonijiet li jsiru fl-2008 anki qabel ma ssir dik il-modifika, sakemm il-kundizzjoniiet tal-punti (a), (b) u (ċ) tar-raba' subparagrafu jkunu rispettati."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' April 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 293/2008

## ta' l-1 ta' April 2008

## li jemenda l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 għal dak li għandu x'jaqsam mal-limiti nazzjonali stabbiliti fl-anness imsemmi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 ([1]), u partikolarment l-Artikolu 12(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistabbilixxi, għal kull Stat Membru, il-limiti nazzjonali li ma għandhomx jinqabżu ta' l-ammonti supplementari ta' għajnuna previsti fl-Artikolu 12 tar-Regolament imsemmi.

(2) Mir-reviżjoni prevista fl-Artikolu 12(4) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, jirriżulta li l-limiti stabbiliti fl-Anness II m'għadhomx jikkorrispondu għas-sitwazzjoni strutturali ta' l-istabbilimenti agrikoli. Jeħtieġ għalhekk li l-limiti applikabbli jiġu adattati b'bidu mis-sena 2008.

(3) Għalhekk, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu jiġi emendat.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħlasijiet Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jinbidel mit-test ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' April 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 146/2008 (ĠU L 46, 21.2.2008, p. 1).

*ANNESS*

*“ANNESS II*

**Il-limiti massimi nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 12(2)**

*(f’miljuni ta’ EUR)*

| Stat Membru | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 4,7 | 6,4 | 8,0 | 7,9 | 7,9 | 7,9 | 7,9 | 7,9 |
| Id-Danimarka | 7,7 | 10,3 | 12,9 | 10,6 | 10,6 | 10,6 | 10,6 | 10,6 |
| Il-Ġermanja | 40,4 | 54,6 | 68,3 | 62,7 | 62,7 | 62,7 | 62,7 | 62,7 |
| L-Irlanda | 15,3 | 20,5 | 25,6 | 24,4 | 24,4 | 24,4 | 24,4 | 24,4 |
| l-Greċja | 45,4 | 61,1 | 76,4 | 79,0 | 79,0 | 77,6 | 77,6 | 77,4 |
| Spanja | 56,9 | 77,3 | 97,0 | 98,3 | 98,3 | 97,8 | 97,8 | 97,8 |
| Franza | 51,4 | 68,7 | 85,9 | 87,0 | 87,0 | 87,0 | 87,0 | 87,0 |
| L-Italja | 62,3 | 84,5 | 106,4 | 96,9 | 97,0 | 95,6 | 94,9 | 94,9 |
| Il-Lussemburgu | 0,2 | 0,3 | 0,4 | 0,4 | 0,4 | 0,4 | 0,4 | 0,4 |
| L-Olanda | 6,8 | 9,5 | 12,0 | 11,4 | 11,4 | 11,4 | 11,4 | 11,4 |
| L-Awstrija | 12,4 | 17,1 | 21,3 | 19,6 | 19,6 | 19,6 | 19,6 | 19,6 |
| Il-Portugall | 10,8 | 14,6 | 18,2 | 10,2 | 10,2 | 10,2 | 10,2 | 10,2 |
| Il-Finlandja | 8,0 | 10,9 | 13,7 | 12,6 | 12,6 | 12,5 | 12,5 | 12,5 |
| L-Iżvezja | 6,6 | 8,8 | 11,0 | 11,0 | 11,0 | 11,0 | 11,0 | 11,0 |
| Ir-Renju Unit | 17,7 | 23,6 | 29,5 | 29,5 | 29,5 | 29,5 | 29,5 | 29,5” |

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-13 ta' Novembru 2007**

**dwar l-iskema ta' għajnuna implimentata mill-Belġju għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni stabbiliti fil-Belġju u li temenda d-Deċiżjoni 2003/757/KE**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5416)*

**(It-testi bil-Franċiż u bl-Olandiż biss huma awtentiċi)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/283/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1) a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom skond l-Artikoli msemmija [1] u wara li kkunsidrat dawn l-osservazzjonijiet,

Billi:

### I. **IL-PROĊEDURA** [2]

(1) Il-bażi ġuridika ta' l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni hija d-Digriet Irjali Nru 187 tat-30 ta' Diċembru 1982. Bid-Deċiżjonijiet tat-2 ta' Mejju 1984 u d-9 ta' Marzu 1987, il-Kummissjoni kienet awtorizzat din l-iskema, billi din ma qajmet l-ebda oġġezzjoni fir-rigward tar-regoli tat-Trattat applikabbli fil-qasam ta' għajnuniet mill-Istat.

(2) Billi hija kienet impenjat ruħha fil-qafas tal-Kodiċi ta' Kondotta fil-qasam tat-taxxa ta' l-intrapriżi (minn issa 'l quddiem "il-Kodiċi ta' Kondotta"), adottat bir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, mlaqqgħa fi ħdan il-Kunsill, ta' l-1 ta' Diċembru 1997 [3], il-Kummissjoni reġgħet eżaminat din l-iskema, fid-dawl tar-regoli tat-Trattat applikabbli fil-qasam ta' għajnuniet mill-Istat u l-Komunikazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regoli relatati ma' l-għajnuniet mill-Istat għall-miżuri li joħorġu mit-taxxa diretta ta' l-intrapriżi [4].

(3) Fil-11 ta' Lulju 2001, il-Kummissjoni pproponiet miżuri utli intiżi biex irażżnu l-effetti ta' l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni, għall-intrapriżi kollha kkonċernati, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005. Il-Belġju m'aċċettax dawn il-miżuri utli billi ħass li kien legalment marbut li jirrispetta, sad-data ta' l-għeluq tagħhom, il-ftehimiet ta' 10 snin, li wħud minnhom kienu se jintemmu wara l-31 ta' Diċembru 2005.

(4) Fis-27 ta' Frar 2002, fin-nuqqas ta' aċċettazzjoni tal-miżuri utli, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura formali ta' eżami [5] stipulata fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat f'konformità ma' l-Artikolu 19(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 (li sar 88) tat-Trattat tal-KE [6]. Il-Kummissjoni, f'din l-okkażjoni, stiednet lill-partijiet terzi interessati biex jagħtuha l-kummenti tagħhom, notevolment fir-rigward taċ-ċirkostanzi li jippermettu li tiġi stabbilita fosthom l-eżistenza ta' fiduċja leġittima.

---

[1] ĠU C 110, 16.5.2007, p. 20.
[2] Għad-dettalji ta' l-istadji tal-proċedura ta' qabel id-data ta' din id-Deċiżjoni, ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Frar 2002 li tiftaħ il-proċedura u d-Deċiżjoni 2003/757/KE.
[3] ĠU C 2, 6.1.1998, p. 2.
[4] ĠU C 384, 10.12.1998, p. 3.
[5] ĠU C 147, 20.6.2002, p. 2.
[6] ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

(5) Il-Kummissjoni għalqet din il-proċedura formali ta' eżami b'deċiżjoni finali negattiva, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/757/KE tas-17 ta' Frar 2003 dwar l-iskema ta' għajnuniet implimentati mill-Belġju għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni stabbiliti fil-Belġju [7], innotifikata lill-Belġju fit-18 ta' Frar 2003. Billi din kienet għajnuna eżistenti, il-Kummissjoni ma talbitx l-irkupru ta' għajnuniet mogħtija fl-imgħoddi. Madankollu, taħt miżuri tranżitorji, id-Deċiżjoni 2003/757/KE ippermettiet liċ-ċentri ta' koordinazzjoni biex jibbenefikaw mill-vantaġġi ta' l-iskema sattmiem tal-ftehim tagħhom fis-seħħ, u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010. Il-Belġju u l-assoċjazzjoni Forum 187, li tgħaqqad iċ-ċentri ta' koordinazzjoni, iddepożitaw appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, bil-għan li tiġi sospiża jew annullata, kompletament jew parzjalment, id-Deċiżjoni msemmija (il-każijiet C-182/03 u T-140/03 li sar C-217/03).

(6) Permezz ta' Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003 [8], il-President tal-Qorti ssospenda l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2003/757/KE "sakemm din (tipprojbixxi) lir-Renju tal-Belġju milli jġedded il-ftehimiet taċ-ċentri ta' koordinazzjoni li jkun hemm fis-seħħ fid-data tan-notifika tad-Deċiżjoni msemmija". Huwa speċifika wkoll li "[l-]effetti tat-tiġdid eventwali li jsir fuq bażi ta' [din l-]ordinanza ma [setgħux] iseħħu wara l-ġurnata li tingħata s-sentenza fl-azzjoni prinċipali".

(7) Fuq talba tal-Belġju, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/531/KE tas-16 ta' Lulju 2003 dwar l-għotja mill-Gvern Belġjan ta' għajnuna għal ċerti ċentri ta' koordinazzjoni stabbiliti fil-Belġju [9] kkunsidrat, skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 88(2) tat-Trattat, "bħala kompatibbli mas-Suq Komuni, l-għajnuna li l-Belġju għandu l-ħsieb li jagħti sal-31 ta' Diċembru 2005 lill-intrapriżi li fil-31 ta' Diċembru 2000 kienu bbenefikaw minn ftehim bħala ċentru ta' koordinazzjoni taħt id-Digriet Irjali Nru 187 tat-30 ta' Diċembru 1982 li skada bejn is-17 ta' Frar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2005." L-għajnuna kkonċernata kienet li jinżammu l-benefiċċji ta' l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni għall-intrapriżi msemmija hawn fuq. Il-Kummissjoni ddepożitat appell quddiem il-Qorti kontra d-Deċiżjoni 2003/531/KE (il-każ C-399/03).

(8) Fis-16 ta' Lulju 2003, il-Kummissjoni rreaġixxiet għad-Deċiżjoni 2003/531/KE bi stqarrija għall-istampa u speċifikat: "Ir-raġunament żviluppat fl-Ordinanza u l-għażla tal-kliem użat fid-dikjarazzjoni tagħha jagħtu x'jaħsbu li l-għajnuniet mogħtija fuq din il-bażi huma miksuba b'mod definit għaċ-ċentri, anke jekk il-Qorti jkollha, fir-rigward tas-sustanza, sussegwentement tirrifjuta l-appell tal-Belġju". (IP/03/1032).

(9) Permezz ta' sentenza tat-22 ta' Ġunju 2006 [10], il-Qorti annullat parzjalment id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni "billi din ma tagħmilx provvediment għal miżuri tranżitorji fir-rigward taċ-ċentri ta' koordinazzjoni fejn it-talba għat-tiġdid ta' ftehim kienet għadha pendenti fid-data ta' notifika tad-Deċiżjoni kkuntestata jew fejn il-ftehim kien jiskadi fl-istess żmien jew ftit żmien wara n-notifika tad-Deċiżjoni msemmija". Fl-istess ġurnata, hija annullat ukoll id-Deċiżjoni 2003/531/KE [11].

(10) Permezz ta' ittra ta' l-4 ta' Lulju 2006 [12], il-Kummissjoni talbet lill-Belġju biex jipprovdilha ċerta informazzjoni sabiex tiddetermina s-segwitu xieraq li għandha tagħti għas-sentenza tal-Qorti tat-22 ta' Ġunju 2006 fil-każijiet C-182/03 u C-217/03. Din l-informazzjoni kienet tolqot il-mod kif il-Belġju kien implimenta d-Deċiżjoni 2003/757/KE hekk kif kienet parzjalment sospiża bl-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003. Il-Belġju ngħata limitu ta' żmien ta' 20 jum ta' xogħol – jiġifieri fil-prinċipju sat-2 ta' Awwissu 2006 – biex jipprovdi l-informazzjoni mitluba.

(11) Fit-23 ta' Awwissu 2006, billi kienet għadha ma rċeviet l-ebda tweġiba, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' tfakkir [13] lill-Belġju. Il-Belġju ngħata limitu ta' żmien ġdid ta' 10 ijiem ta' xogħol – jiġifieri fil-prinċipju sas-7 ta' Settembru 2006 – biex jipprovdi l-informazzjoni mitluba.

(12) Fit-13 ta' Settembru 2006, intbagħtet e-mail informali lill-Belġju b'kopja taż-żewġ ittri msemmija hawn fuq. Permezz ta' ittra ta' l-14 ta' Settembru 2006, b'referenza għall-e-mail imsemmija u l-ittri mehmużin magħha, il-Belġju indika li qatt ma rċieva dawn l-ittri. Permezz ta' ittra tad-29 ta' Settembru 2006, il-Kummissjoni stiednet lill-Belġju biex jibgħat l-informazzjoni mitluba fil-bidu fl-4 ta' Lulju u biex javżaha fid-dettall bl-intenzjonijiet tiegħu fir-rigward taċ-ċentri ta' koordinazzjoni. Ġiet proposta wkoll laqgħa teknika. Billi t-tweġiba tal-Belġju, tat-12 ta' Ottubru 2006, ma kellha xejn mill-informazzjoni mitluba, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra ta' l-10 ta' Novembru 2006, reġgħet fakkret fl-importanza ta' l-informazzjoni mitluba u insistiet mal-Belġju biex dan jagħti t-tweġibiet mixtieqa sa mhux aktar tard mit-22 ta' Novembru 2006. L-aħħar ittra mill-Belġju, tas-17 ta' Novembru 2006, reġgħet ma kellha ebda tweġiba dwar is-sustanza.

(13) Fis-16 ta' Jannar 2007, il-Belġju bagħat l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni. Il-Belġju ta spjegazzjonijiet komplementari permezz ta' ittri tat-8 u s-16 ta' Frar 2007. Barra minn hekk, kien hemm tliet laqgħat, fil-5 u l-15 ta' Frar kif ukoll fil-5 ta' Marzu 2007, bejn il-Kummissjoni u l-Belġju.

---

(7) ĠU L 282, 30.10.2003, p. 25; verżjoni kkoreġuta (ĠU L 285, 1.11.2003, p. 52).

(8) Il-każijiet konġunti C-182/03 R u C-217/03 R, *Il-Belġju u Forum 187/Il-Kummissjoni*, Ġabra 2003 p. I-6887.

(9) ĠU L 184, 23.7.2003, p. 17.

(10) Il-każijiet konġunti C-182/03 u C-217/03, *Il-Belġju u Forum 187/il-Kummissjoni*, Ġabra 2006 p. I-5479.

(11) Il-każ C-399/03, *Il-Kummissjoni/il-Kunsill*, Ġabra 2006 p. I-5629.

(12) Irreġistrata taħt ir-referenza D/55614.

(13) Irreġistrata taħt ir-referenza D/57226.

(14) Permezz ta' ittra tal-21 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni infurmat lill-Belġju bid-deċiżjoni tagħha li testendi l-proċedura li nfethet fis-27 ta' Frar 2002 kontra din l-għajnuna, skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat.

(15) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li testendi l-proċedura ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ([14]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-miżuri tranżitorji xierqa li fit-termini tas-sentenza tal-Qorti, hija kellha tipprevedi.

(16) Il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet dwar dan is-suġġett min-naħa ta' Forum 187 ([15]) u minn tliet ċentri ta' koordinazzjoni. Hija bagħtithom lill-Belġju fejn tagħtu l-possibbiltà biex jikkummenta fuqhom, u rċeviet il-kummenti tiegħu permezz ta' ittri tad-19 u t-30 ta' Lulju 2007.

## II. DESKRIZZJONI TA' L-ISKEMA

(17) Il-bażi ġuridika prinċipali ta' l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni hija d-Digriet Irjali Nru 187 tat-30 ta' Diċembru 1982. Ċentru ta' koordinazzjoni huwa intrapriża li tagħmel parti minn grupp multinazzjonali u li jipprovdi ċerti servizzi kkwalifikati anċillari (finanzjament, ġestjoni tat-teżor, riċerka u żvilupp, eċċ.) għall-benefiċċju esklussiv ta' intrapriżi oħra ta' l-istess grupp. Mill-1983, taħt skema speċjali approvata mill-Kummissjoni, dawn l-intrapriżi bbenefikaw fil-Belġju minn bażi taxxabbli mnaqqsa b'mod konsiderevoli għat-taxxa tal-kumpaniji u bosta eżenzjonijiet (taxxa kapitali, taxxa fuq il-proprjetà, taxxa miżmuma f'ras il-għajn). Il-benefiċċju ta' din l-iskema ngħata mal-kisba ta' ftehim ta' 10 snin li jiddikjara li ċ-ċentru ta' koordinazzjoni jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Digriet Irjali Nru 187. Dan il-ftehim seta' jiġġedded kif jgħaddu l-10 snin bl-istess kundizzjonijiet ([16]).

(18) Fis-27 ta' Diċembru 2006, il-Belġju adotta liġi ([17]) li kienet tippermetti li jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2010 l-ftehim taċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha li jitolbuh, jekk ikun il-każ b'effett retroattiv. Barra ċ-ċentri li l-ftehimiet ġew imġedda bejn is-17 ta' Frar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2005, din il-possibbiltà ta' estensjoni kienet ukoll aċċessibbli għaċ-ċentri li l-ftehim tagħhom jiskadi bejn l-1 ta' Jannar 2006 u l-31 ta' Diċembru 2010 kif ukoll numru mhux speċifikat ta' ċentri li l-ftehim tagħhom kien se jiskadi sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005 iżda li, sa dakinhar, ma jkunux għamlu t-talba ta' tiġdid. Din il-liġi ma ġietx innotifikata lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat iżda d-dħul fis-seħħ tagħha ġie sospiż u bil-kundizzjoni ta' konferma mill-Kummissjoni li ma kienx hemm oġġezzjoni min-naħa tagħha.

(19) Mill-243 ċentru ta' koordinazzjoni attiv fl-2002, 173 kienu għadhom attivi fl-2007. Fosthom, 27 għandhom ftehim validu sal-31 ta' Diċembru 2010, skond id-Deċiżjoni 2003/757/KE. Il-ftehim tal-136 l-oħra jiskadi qabel il-31 ta' Diċembru 2010 u dawn għalhekk huma kkonċernati bil-possibbiltà ta' estensjoni offerta mil-liġi. Numru mhux determinat ta' ċentri ta' koordinazzjoni li sadanittant waqfu mill-attivitajiet tagħhom jistgħu, milli jidher, jibbenefikaw ukoll mill-estensjoni stipulata mil-liġi tas-27 ta' Diċembru 2006.

## III. L-GĦAN TA' L-ESTENSJONI TAL-PROĊEDURA FORMALI

(20) Wara l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003 li ssospendiet l-effetti tal-projbizzjoni ta' tiġdid tal-ftehimiet taċ-ċentri ta' koordinazzjoni li waslu biex jiskadu, il-Belġju kellu l-possibbiltà li jġedded dawn il-ftehimiet. L-effetti ta' dan it-tiġdid madankollu ma setgħux jaqbżu d-data tad-deċiżjoni fis-sustanza. Is-sentenza tal-Qorti ngħatat fit-22 ta' Ġunju 2006.

(21) Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni kienet qiegħda tistenna li l-Belġju jkun sodisfatt li jestendi l-ftehim taċ-ċentri ta' koordinazzjoni sa tmiem l-2005, kif ġie deċiż fil-qafas tal-Kodiċi ta' Kondotta u kif mitlub bosta drabi mill-Belġju. Il-Kummissjoni talbet konferma ta' dan mill-Belġju permezz ta' ittra ta' l-4 ta' Lulju 2006. Il-Belġju kkonferma li kien illimita sal-31 ta' Diċembru 2005 t-tiġdid mogħti fuq bażi ta' l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003, ħlief għal erba' ċentri li l-ftehim tagħhom ġie estiż mingħajr data definita. Il-Belġju avża wkoll lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu, fuq bażi ta' l-interpretazzjoni tiegħu tas-sentenza tal-Qorti, li jestendi l-ftehimiet taċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha sa tmiem l-2010 u bl-adozzjoni f'Diċembru 2006 ta' liġi maħsuba biex tippermetti din l-estensjoni ġenerali lil hinn mill-2005, jekk ikun il-każ b'effett retroattiv.

(22) Fil-21 ta' Marzu 2007, minħabba ftehim fuq l-interpretazzjoni mogħtija għas-sentenza tal-Qorti, il-Kummissjoni ħasbet li għandha testendi l-proċedura formali ta' eżami biex tesponi l-interpretazzjoni tagħha stess tas-sentenza u tagħmel pubbliċi l-elementi li fuqhom hija ħasbet li għandha tibbaża ruħha biex tiffissa l-perjodu tranżitorju "ġdid" mitlub mill-Qorti. Il-Kummissjoni kellha wkoll xi dubji fir-rigward ta' l-interpretazzjoni tas-sentenza tal-Qorti hekk kif ippreżentata mill-Belġju u dwar l-intenzjoni tiegħu li jġedded il-ftehim taċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha sa tmiem l-2010.

([14]) Ara n-nota tal-qiegħ tal-paġna nru 1.
([15]) Forum 187 hija l-federazzjoni professjonali taċ-ċentri ta' koordinazzjoni, iċ-ċentri ta' distribuzzjoni, iċ-ċentri ta' servizzi u l-*call centres* stabbiliti fil-Belġju
([16]) Għal deskrizzjoni sħiħa ta' l-iskema ara d-deċiżjoni ta' ftuħ tas-27 ta' Frar 2002.
([17]) Il-liġi tas-27 ta' Diċembru 2006 li għandha diversi dispożizzjonijiet (Moniteur belge tat-28 ta' Diċembru 2006).

IV. **IL-KUMMENTI TAL-BELĠJU U TAL-PARTIJIET TERZI INTERESSATI**

(23) Wara l-estensjoni tal-proċedura, saru osservazzjonijiet mill-Belġju, minn Forum 187 kif ukoll minn tliet ċentri ta' koordinazzjoni li l-ftehimiet tagħhom kienu jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2003 jew il-31 ta' Diċembru 2004 u li ġew imġedda sal-31 ta' Diċembru 2005. Minn dawn l-osservazzjonijiet, jidher li l-Belġju u ċ-ċentri ta' koordinazzjoni jiddefendu l-għoti ta' perjodu tranżitorju li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2010, għar-raġunijiet li ġejjin:

— Is-sentenza tal-Qorti għandha tkun interpretata fissens li l-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza mqajjem mill-Qorti, jimplika li ċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha għandhom jibbenefikaw mill-itwal perjodu tranżitorju mogħti lil ċentru ta' koordinazzjoni, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2010. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kummissjoni toħloq inugwaljanzi ġodda u tgħawwiġ ġdid ta' kompetizzjoni bejn iċ-ċentri ta' koordinazzjoni, fejn uħud ikomplu jibbenefikaw mill-iskema u oħrajn ma jibqgħux jibbenefikaw minnha qabel l-2010.

— L-ugwaljanza ta' trattament timplika wkoll li ċ-ċentri ta' koordinazzjoni Belġjani jiksbu l-istess perjodu tranżitorju bħal dak mogħti mill-Kummissjoni fid-deċiżjonijiet tagħha relatati ma' skemi fiskali oħrajn. Jissemmew b'mod partikolari l-iskemi li ġejjin: il-kumpaniji ta' investiment imsejħin ta' l-1929 fil-Lussemburgu ([18]); il-kumpaniji eżenti ta' Ġibiltà ([19]); iż-Żona Ħielsa ta' Madejra ([20]).

— Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta d-data ta' notifika tad-Deċiżjoni 2003/757/KE bħala l-bidu tal-perjodu tranżitorju "ġdid" li hija tipproponi li tiffissa. Skond il-partijiet interessati, il-perjodu tranżitorju ġdid għandu jibda jew fit-30 ta' Ottubru 2003, id-data ta' pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali* tad-Deċiżjoni 2003/757/KE, jew l-iktar l-iktar it-22 ta' Ġunju 2006, id-data tas-sentenza tal-Qorti. Il-Belġju jaħseb li l-miżuri tranżitorji huma ffissati tradizzjonalment għall-ġejjieni u mhux għall-imgħoddi. Il-bidu tal-perjodu tranżitorju ġdid għalhekk għandu jkun id-data ta' notifika tad-deċiżjoni finali l-ġdida (jiġifieri din id-deċiżjoni). Huwa minn din id-data li ċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha għandhom jitħallew b'perjodu xieraq (ta' minimu ta' sentejn) biex jadattaw irwieħhom għall-iskema l-ġdida.

— Wara s-sospensjoni u l-annullament parzjali tad-Deċiżjoni 2003/757/KE u wara l-annullament tad-Deċiżjoni 2003/531/KE, l-intrapriżi kienu qegħdin jistennew mill-ġdid b'mod leġittimu li l-iskema tkun estiża sa tmiem l-2010. Il-Belġju qajjem ukoll l-ispiża marbuta mat-tkeċċija ta' l-impjegati taċ-ċentri ta' koordinazzjoni, li tiġġustifika l-aġġornament tal-bidu tal-perjodu tranżitorju għad-data ta' din id-deċiżjoni.

— L-elementi esposti mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha li testendi l-proċedura biex tiddefendi l-proposta tagħha ta' perjodu tranżitorju sa tmiem l-2005 jew anke sa tmiem l-2006 m'humiex rilevanti. B'mod partikolari, it-tiġdid mogħti mill-Belġju liċ-ċentri ta' koordinazzjoni li l-ftehim tagħhom skada bejn is-17 ta' Frar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2005 kien limitat għall-31 ta' Diċembru 2005, b'mod temporanju u bħala miżura ta' prudenza waqt l-istennija għas-sentenza tal-Qorti.

— Billi s-sentenza ngħatat mill-Qorti fit-22 ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni m'aġixxietx malajr biżżejjed sabiex jiġu adottati miżuri tranżitorji ġodda. Dan jiġġustifika wkoll li perjodu tranżitorju għandu jingħata liċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha mid-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni li tiffissa dawn il-miżuri tranżitorji.

(24) Il-Belġju jaħseb li l-liġi tas-27 ta' Diċembru 2006 tikkostitwixxi s-sempliċi implimentazzjoni tas-sentenza tal-Qorti u ma tikkostitwixxix skema ġdida ta' għajnuniet iżda l-estensjoni ta' l-iskema eżistenti. Wieħed miċ-ċentri ta' koordinazzjoni jaħseb ukoll li t-talba tiegħu għal estensjoni, magħmula wara s-sentenza tal-Qorti iżda qabel l-adozzjoni tal-liġi, tistrieħ fuq dritt għal tiġdid rikonoxxut mis-sentenza u mhux mil-liġi.

V. **IL-VALUTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

(25) L-argumenti ppreżentati mill-Belġju u miċ-ċentri ta' koordinazzjoni huma maħsuba biex juru li l-Kummissjoni għandha tawtorizza liċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha biex jibbenefikaw mill-iskema sal-31 ta' Diċembru 2010, kemm skond l-applikazzjoni tal-prinċipju ta'

([18]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/940/KE tad-19 ta' Lulju 2006 dwar l-iskema ta' għajnuna C 3/2006 implimentata mil-Lussemburgu għall-kumpaniji ta' investiment 1929 u l-kumpaniji ta' investiment biljunarji (ĠU L 366, 21.12.2006, p. 47).

([19]) Ir-Renju Unit – L-Għajnuna C 53/2001 (ex NN 52/2000) – Ġibiltà: l-iskema tal-kumpaniji eżenti – Stedina biex jiġu ppreżentati osservazzjonijiet fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE (ĠU C 26, 30.1.2002, p. 13).

([20]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/294/KE tal-11 ta' Diċembru 2002 dwar l-applikazzjoni mill-Portugall ta' l-iskema ta' għajnuniet finanzjarji u fiskali fiż-Żona Ħielsa ta' Madejra fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 111, 6.5.2003, p. 45).

ugwaljanza mqajjem mill-Qorti, li jimponi l-għoti, liċ-ċentri kollha, ta' l-itwal perjodu tranżitorju mogħti (jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2010), kif ukoll skond l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' fiduċja leġittima li jimponi lill-Kummissjoni biex tiffissa data oħra li mhix it-18 ta' Frar 2003, jiġifieri d-data tas-sentenza, jew inkella dik ta' din id-Deċiżjoni, bħala l-bidu tal-perjodu tranżitorju xieraq mitlub mill-Qorti. La l-Belġju u lanqas l-intrapriżi kkonċernati ma ppreżentaw argumenti maħsuba biex juru li l-perjodu tranżitorju xieraq, iddefinit mill-Qorti bħala l-perjodu meħtieġ għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni biex jadattaw irwieħhom għall-bidla fl-iskema, kellu jestendi mit-18 ta' Frar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2010, jiġifieri jdum iktar minn 7 snin u 10 xhur. Għar-raġunijiet spjegati f'din il-parti, il-Kummissjoni taħseb li l-bidu tal-perjodu tranżitorju għandu jkun it-18 ta' Frar 2003 u li għandu jkun ta' tul ta' żmien raġjonevoli. Fuq bażi ta' l-elementi fil-pussess tagħha, il-Kummissjoni barra minn hekk taħseb li dan il-perjodu tranżitorju xieraq intemm fil-31 ta' Diċembru 2005.

### 1. **Il-limiti ta' l-annullament iddikjarat mill-Qorti**

(26) Is-sentenza tal-Qorti tiddikjara li d-Deċiżjoni 2003/757/KE hija annullata "billi din ma tagħmilx provvediment għal miżuri tranżitorji fir-rigward taċ-ċentri ta' koordinazzjoni fejn it-talba għat-tiġdid ta' ftehim kienet għadha pendenti fid-data ta' notifika tad-Deċiżjoni kkuntestata jew fejn il-ftehim kien jiskadi fl-istess żmien jew ftit żmien wara n-notifika tad-Deċiżjoni msemmija". Fil-punt 163 tas-sentenza, il-Qorti tispeċifika li "l-espressjoni "ftit żmien wara" għandha tinftiehem fis-sens li qiegħda tirreferi għal data tant qrib ta' dik tan-notifika tad-deċiżjoni kkuntestata li ċ-ċentri ta' koordinazzjoni kkonċernati ma kellhomx ħin biżżejjed biex jadattaw irwieħhom għall-bidla ta' l-iskema inkawża."

(27) L-ewwel nett, huwa importanti li wieħed jinnota li l-Qorti tikkonferma l-leġittimità tad-Deċiżjoni 2003/757/KE billi din tikkwalifika l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni ta' skema ta' għajnuniet bħala inkompatibbli mas-Suq Komuni. Din il-kwalifika kienet ikkuntestata quddiem il-Qorti minn Form 187 iżda mhux mill-Belġju. Din ma kienitx l-għan tas-sospensjoni u l-annullament parzjali tad-deċiżjoni msemmija. L-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni għalhekk hija inkompatibbli mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni msemmija.

(28) Imbagħad, il-Kummissjoni tinterpreta s-sentenza tal-Qorti fis-sens li l-annullament iddikjarat jistrieħ fuq id-dikjarazzjoni li d-Deċiżjoni 2003/757/KE kienet iċċaħħad lil ċerti intrapriżi mill-miżuri tranżitorji xierqa li kellhom jingħatawlhom biex ikunu jistgħu jadattaw irwieħhom għall-bidla fl-iskema tat-taxxa.

(29) Il-Qorti fil-fatt tikkritika l-projbizzjoni b'effett immedjat tat-tiġdid, anke temporanjament, tal-ftehimiet taċ-ċentri ta' koordinazzjoni, billi din taffettwa l-fiduċja leġittima ta' ċerti ċentri "fejn it-talba għat-tiġdid ta' ftehim kienet għadha pendenti fid-data ta' notifika tad-Deċiżjoni kkuntestata jew fejn il-ftehim kien jiskadi fl-istess żmien jew ftit żmien wara n-notifika tad-Deċiżjoni msemmija". Il-Qorti taħseb li dawn iċ-ċentri setgħu jistennew b'mod leġittimu li jibbenefikaw minn perjodu tranżitorju xieraq biex jadattaw irwieħhom għall-bidla fl-iskema u, jekk meħtieġ biex jibbenefikaw minn dan il-perjodu tranżitorju, sabiex jiksbu estensjoni temporanja tal-ftehim.

(30) Is-sentenza tal-Qorti għalhekk timponi lill-Kummissjoni biex tawtorizza t-tiġdid tal-ftehimiet sakemm dan it-tiġdid – temporanju – ikun meħtieġ biex jitħares id-dritt taċ-ċentri ta' koordinazzjoni għal perjodu tranżitorju xieraq. Il-Kummissjoni għalhekk tiddikjara li l-Qorti ma tannullax l-effetti kollha tal-projbizzjoni għat-tiġdid – anke temporanjament – tal-ftehimiet, kif mitlub mill-Belġju u Forum 187 fl-appelli tagħhom u kif propost fil-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali. Din il-projbizzjoni għalhekk għandha l-effetti tagħha, ħlief jekk it-tiġdid tal-ftehimiet huwa meħtieġ biex ikun konformi mas-sentenza fis-sustanza.

(31) Kif jidher mill-kummenti rċevuti, il-Qorti kkritikat ukoll il-fatt li ngħataw perjodi tranżitorji differenti lill-intrapriżi – minn ftit xhur għal bosta snin – għar-raġuni li dan jikser il-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza ta' trattament. Il-Qorti għalhekk tissuġġerixxi li l-Kummissjoni kellha tiffissa, għall-intrapriżi kollha kkonċernati, perjodu tranżitorju wieħed u xieraq, jiġifieri li jippermettilhom li jadattaw irwieħhom għall-bidla fl-iskema.

(32) Il-Kummissjoni għalhekk għamlet żball meta tat liċ-ċentri ta' koordinazzjoni fiduċja leġittima bbażata fuq it-tul ta' żmien (10 snin) tal-ftehimiet u tat perjodu tranżitorju qasir wisq (jiġifieri inqas mill-perjodu tranżitorju xieraq) lil ċerti ċentri u perjodu tranżitorju twil wisq (jiġifieri iktar mill-perjodu tranżitorju xieraq) lil oħrajn.

(33) Il-Qorti madankollu fasslet id-dispożizzjoni tagħha b'tali mod li din tillimita l-annullament fin-nuqqas ta' perjodu tranżitorju xieraq għal ċerti intrapriżi "fejn it-talba għat-tiġdid ta' ftehim kienet għadha pendenti fid-data ta' notifika tad-Deċiżjoni kkuntestata jew fejn il-ftehim kien jiskadi fl-istess żmien jew ftit żmien wara n-notifika tad-Deċiżjoni msemmija". Il-Qorti barra minn hekk tispeċifika wkoll, fil-punt 163 tas-sentenza tagħha, dak li tfisser l-espressjoni "ftit żmien wara".

(34) Is-sentenza tal-Qorti għalhekk ma timponix lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi mill-ġdid ugwaljanza ta' trattament perfetta għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha, iżda biex tikkumpensa l-effetti ta' din l-inugwaljanza ta' trattament għal ċerti intrapriżi li jkunu sofrew dannu fin-nuqqas ta' perjodu tranżitorju xieraq. L-ugwaljanza ta' trattament timplika f'dan il-każ li b'xi mod l-intrapriżi kollha jibbenefikaw minn perjodu tranżitorju li jippermittilhom li jadattaw irwieħhom għall-iskema. Is-sentenza ma tannullax id-definizzjoni tal-perjodu tranżitorju għall-intrapriżi li jkunu kisbu perjodu tranżitorju superjuri għall-perjodu tranżitorju xieraq biex jadattaw irwieħhom għall-bidla fl-iskema u l-Kummissjoni għalhekk ma tistax tqassru sabiex terġa' tistabbilixxi l-ugwaljanza ta' trattament.

(35) Il-Kummissjoni tqis madankollu li l-Qorti tastjeni milli tispeċifika t-tul ta' żmien tal-miżuri tranżitorji xierqa, u li ma tispeċifikax in-numru ta' intrapriżi mċaħħda minn tali miżuri xierqa u għalhekk ikkonċernati bl-annullament. B'mod partikolari, is-sentenza ma tgħidx li l-perjodu tranżitorju xieraq invokat huwa dak li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2010 u ma tobbligax lill-Kummissjoni, kif jippretendi l-Belġju, bl-applikazzjoni waħdanija tal-prinċipju ta' ugwaljanza ta' trattament, li tallinja l-perjodu tranżitorju ta' l-intrapriżi kollha fuq l-itwal wieħed mill-perjodi tranżitorji mogħtija bid-Deċiżjoni 2003/757/KE – jiġifieri l-31 ta' Diċembru 2010. Il-Qorti għall-kuntrarju donnha qiegħda tissuġġerixxi li perjodu identiku għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha, maħsub unikament biex jippermettilhom jadattaw irwieħhom għall-bidla fl-iskema, kien ikun xieraq u li dawk biss li l-ftehim tagħhom kien se jintemm ftit wara kienu se jkunu mċaħħda minnu.

(36) Il-Kummissjoni għalhekk taħseb li l-perjodu tranżitorju previst fid-Deċiżjoni 2003/757/KE għandu jkun riformat unikament skond l-annullament iddikjarat mill-Qorti. Bl-istess mod, hija taħseb li l-perjodu tranżitorju xieraq invokat mill-Qorti għandu jkun determinat fuq il-bażi ta' elementi li juru l-karattru xieraq tiegħu, jiġifieri mhux biss il-karattru suffiċjenti tiegħu iżda wkoll il-karattru meħtieġ tiegħu. Id-deċiżjoni li tiġi estiża l-proċedura kienet maħsuba biex tippermetti lill-Belġju u lill-partijiet terzi interessati

— li jesprimu rwieħhom fuq ir-rilevanza ta' l-elementi diġà fil-pussess tal-Kummissjoni u li donnhom jindikaw il-31 ta' Diċembru 2005 bħala t-tmiem tal-perjodu tranżitorju xieraq;

— li jinvokaw elementi oħrajn li x'aktarx juru li l-perjodu tranżitorju xieraq għandu jittawwal lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2005, jekk ikun il-każ sal-31 ta' Diċembru 2010 jew kwalunkwe data oħra.

(37) Fis-segwitu ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tintrabat li turi li l-perjodu tranżitorju xieraq invokat mill-Qorti kellu jibda fit-18 ta' Frar 2003 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2005 għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha, u mhux fil-31 ta' Diċembru 2010. Il-Kummissjoni tittratta mbagħad sitwazzjonijiet li fihom hija taħseb li fiduċja leġittima mqabbda minnha stess tobbligaha biex tippermetti lil ċerti ċentri ta' koordinazzjoni li jibbenefikaw mill-iskema wara l-31 ta' Diċembru 2005.

## 2. **Il-bidu tal-perjodu tranżitorju xieraq**

(38) Il-kummenti tal-Belġju u tal-partijiet terzi interessati jissuġġerixxu li l-bidu tal-perjodu tranżitorju li jrid jiġi determinat mill-Kummissjoni wara s-sentenza tal-Qorti ma jistax ikun id-data ta' notifika tad-Deċiżjoni 2003/757/KE. Tressqu dati differenti, notevolment id-data tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni msemmija fil-*Ġurnal Uffiċjali* u d-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni.

(39) Il-Kummissjoni taħseb għall-kuntrarju li l-perjodu tranżitorju xieraq invokat mill-Qorti għandu jkun ikkalkulat mid-data ta' notifika tad-Deċiżjoni 2003/757/KE, jiġifieri mit-18 ta' Frar 2003.

(40) L-ewwel nett, fit-22 ta' Ġunju 2006, l-effetti ta' l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003 ġew mibdula bl-effetti tas-sentenza tal-Qorti fis-sustanza u dan, b'effett retroattiv għad-data ta' notifika tad-Deċiżjoni 2003/757/KE. Is-sentenza tal-Qorti tikkunsidra s-sitwazzjoni taċ-ċentri ta' koordinazzjoni fid-data ta' notifika tad-Deċiżjoni msemmija. Għalhekk wieħed m'għandux jaħseb li l-Qorti titlob perjodu tranżitorju li l-bidu tiegħu jkun differenti mid-data ta' notifika tad-deċiżjoni kkontestata.

(41) Imbagħad, id-dispożizzjoni tas-sentenza tal-Qorti tirreferi b'mod espliċitu għal din id-data, billi d-deċiżjoni hija annullata "billi din ma tagħmilx provvediment għal miżuri tranżitorji fir-rigward taċ-ċentri ta' koordinazzjoni fejn it-talba għat-tiġdid ta' ftehim kienet għadha pendenti *fid-data ta' notifika tad-Deċiżjoni kkuntestata* jew fejn il-ftehim kien jiskadi fl-istess żmien jew ftit żmien wara *n-notifika tad-Deċiżjoni msemmija*". (is-sottolinjament ġie miżjud).

(42) Barra minn hekk, il-Kummissjoni taħseb li l-fiduċja leġittima li teżisti fost iċ-ċentri ta' koordinazzjoni fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet u l-pożizzjonijiet anterjuri tal-Kummissjoni f'dan il-fajl ġiet interrotta mhux aktar tard mid-data ta' notifika tad-Deċiżjoni 2003/757/KE. Fil-fatt, f'din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkwalifika l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni ta' għajnuna bħala inkompatibbli mas-Suq Komuni u titlob il-modifika jew it-tneħħija tagħha. Din il-kwalifika ma kienitx l-għan ta' sospensjoni u ġiet ikkonfermata mill-Qorti fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Ġunju 2006. Hija tipproduċi għalhekk l-effetti tagħha

mid-data ta' notifika tad-Deċiżjoni 2003/757/KE għall-Belġju. Id-deċiżjoni msemmija barra minn hekk kellha magħha stqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni u bbenefikat minn kopertura wiesgħa fil-gazzetti. Il-Kummissjoni għalhekk taħseb li tista' tikkunsidra d-data ta' notifika tad-Deċiżjoni 2003/757/KE bħala l-aħħar data ta' ksur tal-fiduċja leġittima mqiegħda miċ-ċentri ta' koordinazzjoni fil-kompatibbiltà ta' l-iskema mas-Suq Komuni, u għalhekk bħala data tal-bidu tal-miżuri tranżitorji ġġustifikati minn din il-fiduċja leġittima mgħoddija. Minħabba fil-ksur tal-fiduċja leġittima minn meta ħarġet in-notifika tad-Deċiżjoni 2003/757/KE, il-Kummissjoni taħseb li l-aġġornament tal-bidu tal-perjodu tranżitorju għal data ulterjuri m'huwiex iġġustifikat, anke sad-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-*Ġurnal Uffiċjali*. Fil-fatt, Forum 187, l-assoċjazzjoni li tirrappreżenta u taġixxi f'isem iċ-ċentri ta' koordinazzjoni u, skond id-dikjarazzjonijiet tagħha stess, rikonoxxuta b'dan id-dritt mill-Belġju, iddepożitat appell dettaljat quddiem il-Qorti fl-aħħar ta' April 2003 kontra d-Deċiżjoni 2003/757/KE – għalhekk qabel il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali* – li juri li ċ-ċentri ta' koordinazzjoni, bl-intermedjar ta' l-assoċjazzjoni mqabbda biex tiddefendihom, kien jafu bis-sustanza tad-deċiżjoni msemmija, u b'mod partikolari bil-kwalifika ta' għajnuna bħala inkompatibbli mas-Suq Komuni u bl-obbligu impost fuq il-Belġju biex jemenda jew ineħħi l-iskema inkawża.

(43) Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni tiddikjara li ebda ċentru ta' koordinazzjoni fil-prattika ma sofra danni bil-projbizzjoni tat-tiġdid tal-ftehimiet u, kemm skond id-Deċiżjoni 2003/757/KE, kif ukoll skond l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003, kollha setgħu japprofittaw sa mit-18 ta' Frar 2003 minn perjodu tranżitorju li kien jippermettilhom jadattaw irwieħhom għall-bidla fl-iskema imposta mill-Kummissjoni. L-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003 tirreferi wkoll b'mod espliċitu għad-data ta' notifika tad-Deċiżjoni 2003/757/KE li tissospendi l-effetti tad-Deċiżjoni "safejn din tipprojbixxi lir-Renju tal-Belġju milli jġedded il-ftehimiet taċ-ċentri ta' koordinazzjoni li jkunu għadhom għaddejjin _*fid-data tan-notifika tad-deċiżjoni msemmija*_" (is-sottolinjmanet ġie miżjud). Din is-sospensjoni għalhekk ippermettiet it-tiġdid tal-ftehimiet li kienu għadhom għaddejjin fis-17 ta' Frar 2003 u l-estensjoni ta' l-effetti ta' l-iskema sa mhux aktar tard mit-22 ta' Ġunju 2006, id-data tas-sentenza fis-sustanza. Barra minn hekk, sa mis-16 ta' Lulju 2003, il-Kummissjoni kkonfermat li hija ma kienitx se titlob ir-rimborż ta' l-għajnuniet mogħtija fuq il-bażi ta' l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003, biex b'hekk żgurat liċ-ċentri ta' koordinazzjoni tgawdija b'mod effettiv u definittiv mill-perjodu tranżitorju li rriżulta mill-effetti tas-sospensjoni ordnata.

(44) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li hija ma tistax tilqa' b'mod favorevoli l-argumenti ppreżentati mill-Belġju u ċ-ċentri ta' koordinazzjoni biex jitolbu l-aġġornament għal data ulterjuri tal-bidu tal-perjodu tranżitorju xieraq. Fil-fatt, il-Qorti kkonfermat il-kwalifika ta' għajnuna bħala imkompatibbli mas-Suq Komuni fis-17 ta' Frar 2003. Il-fiduċja leġittima mqajjma mid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni ta' l-1984 u l-1987 li jawtorizzaw l-iskema għalhekk intemmet mhux aktar tard minn Frar 2003. Jekk id-data tas-sentenza tal-Qorti u s-sustanza tagħha ma kienux mgħarrfa liċ-ċentri ta' koordinazzjoni, din l-inċertezza ma tirriżultax mill-atti tal-Kummissjoni. Il-proċedura ġudizzjarja għalhekk ma kienitx suxxettibbli li twassal għal fiduċja leġittima, li tista' tintuża kontra l-Kummissjoni, li skond hi l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni kienet kompatibbli mas-Suq Komuni. Din tirriżulta mid-depożitu ta' l-appelli li – kif inhuma – ma jistgħux iwasslu għal sospensjoni. Id-dewmien tal-proċedura ġudizzjarja għalhekk ma jistax jiġġustifika l-estensjoni tal-perjodu tranżitorju – effettivament mogħti liċ-ċentri ta' koordinazzjoni mit-18 ta' Frar 2003 – billi jitfa' lura b'tant id-data tal-bidu tal-perjodu tranżitorju.

### 3. **Id-data ta' tmiem il-perjodu tranżitorju xieraq**

(45) Sabiex jiġi ddeterminat il-kontenut tal-miżuri tranżitorji xierqa u d-dewmien eżatt tal-perjodu tranżitorju xieraq, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-informazzjoni disponibbli hekk kif jirriżulta mill-impenji meħuda, it-talbiet li tfasslu u d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Belġju jew mill-intrapriżi kkonċernati qabel jew ftit wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2003/757/KE. Il-Kummissjoni fil-fatt taħseb li din l-informazzjoni hija l-aħjar li tista' turi mhux biss il-pożizzjoni tal-Belġju, iżda wkoll dik ta' l-intrapriżi kkonċernati fis-17 ta' Frar 2003. In-nuqqas ta' reazzjoni għal ċerti atti formali – u kuntestabbli – ta' l-awtoritajiet nazzjonali jew għad-Deċiżjoni 2003/531/KE ġie wkoll interpretat bħala sinjal ta' l-adeżjoni ta' l-intrapriżi kkonċernati.

(46) L-ewwelnett, il-Belġju ntrabat, fil-qafas tal-ħidmiet tal-gruppi ta' segwitu tal-Kodiċi ta' Kondotta, li jneħħi l-effetti ta' l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005. Dan l-impenn reġa 'tqajjem fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 u s-27 ta' Novembru 2000 ([21]).

(47) Dawn il-konklużjonijiet ġew magħmula pubbliċi permezz ta' stqarrija għall-istampa ([22]) u, fuq din il-bażi, il-Ministru tal-Finanzi Belġjan iddikjara fl-20 ta' Diċembru 2000 quddiem il-Kamra tar-Rappreżentanti li "iċ-ċentri ta' koordinazzjoni approvati għall-ewwel darba fil-31.12.2000 […] jistgħu jkomplu jibbenefikaw mill-iskema sal-31 ta' Diċembru 2005, kemm taħt il-ftehim inizjali, kif ukoll taħt tiġdid tal-ftehim […]." ([23]).

([21]) F'din id-data, il-Belġju kien għadu ma kisibx l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jestendi lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2005 l-effetti tal-ftehimiet (li kienu diġà għaddejjin fil-31 ta' Diċembru 2000) li kienu jiskadu wara l-31 ta' Diċembru 2005.

([22]) Referenza Kunsill/00/453.

([23]) Ara t-tweġiba tal-Ministru tal-Finanzi ta' l-20 ta' Diċembru 2000 għal interpellanza tas-Sur Jacques Simonet, Nru 5 (Dok. Parl., Kamra, Sessjoni 2000-2001, COM 343), ikkwotata fl-ittra PH/chw/1467 tal-Belġju tas-6 ta' Marzu 2003.

(48) F'ittra tas-6 ta' Marzu 2003 indirizzata lill-Kummissjoni li ssemmi l-konklużjonijiet tal-Kunsill u l-Komunikazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi, il-Belġju jaħseb li "F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Belġju daħal għal impenji, li l-effetti tagħhom jintemmu fil-31 ta' Diċembru 2005, lejn iċ-ċentri ta' koordinazzjoni tiegħu." Il-Belġju wkoll iqajjem dan l-argument quddiem il-Qorti (il-punti 141 u 142 tas-sentenza). Għalkemm m'huwiex miżmum mill-Qorti bħala l-bażi ta' fiduċja leġittima fir-rigward tal-Kummissjoni, l-impenn politiku tal-Belġju lejn iċ-ċentri ta' koordinazzjoni jidher, għall-kuntrarju, rilevanti biex jiġi evalwat il-perjodu tranżitorju li l-Belġju ġġudika xieraq għal dawn.

(49) It-tieninett, f'din l-istess ittra tas-6 ta' Marzu 2003, il-Belġju rreaġixxa f'dawn it-termini fir-rigward tat-tul ta' żmien raġjonevoli hekk kif definit mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni 2003/757/KE: "Tassew, il-Kummissjoni tat tul ta' żmien raġjonevoli liċ-ċentri ta' koordinazzjoni. Id-deċiżjoni li tkun permessa l-applikazzjoni sħiħa tat-tul ta' żmien ta' ftehim li għadu għaddej hija ġustifikata, ħlief għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni li l-ftehim tagħhom li għadu għaddej jiskadi fix-xhur ta' wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni u, b'mod aktar partikolari qabel it-tmiem ta' l-2005, billi dawn iċ-ċentri ma jkollhomx żmien jadattaw irwieħhom għat-tmiem bikri ta' l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni. F'dan il-każ, it-tul ta' żmien raġjonevoli m'huwiex biżżejjed." Huwa stieden ukoll lill-Kummissjoni biex tirriforma d-Deċiżjoni 2003/757/KE u "biex tagħmel provvediment, għaċ-ċentri li l-ftehim tagħhom li għadu għaddej jiskadi qabel it-tmiem ta' l-2005, għall-possibbiltà li jinkiseb tiġdid, fuq bażi ta' l-iskema eżistenti, sa tmiem l-2005." Il-Kummissjoni kkonkludiet mill-ġdid li l-Belġju ħaseb li ma kienx ingħata tul ta' żmien raġjonevoli għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni li l-ftehim tagħhom kien jiskadi qabel il-31 ta' Diċembru 2005 u li l-għoti ta' tul ta' żmien raġjonevoli għal dawn iċ-ċentri ta' koordinazzjoni kien jimplika l-estensjoni tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2005.

(50) It-tieletnett, fl-20 ta' Marzu u fis-26 ta' Mejju 2003, il-Belġju nnotifika lill-Kummissjoni "bl-intenzjoni [tiegħu] li jżomm l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni, fir-rigward taċ-ċentri ta' koordinazzjoni eżistenti fil-31 ta' Diċembru 2000 u fejn il-ftehim kien jiskadi bejn is-17 ta' Frar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2005 sa din l-aħħar data." Huwa talab ukoll lill-Kunsill biex jadotta, fuq il-bażi tat-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 88(2) tat-Trattat, deċiżjoni li tawtorizza din l-estensjoni. Huwa jistipula fl-inċiż (10): "L-għajnuna l-ġdida prevista hija temporanja. Hija […] ser tippermetti lid-destinatarji biex ikomplu bl-attivitajiet tagħhom fil-Belġju mill-inqas matul il-perjodu meħtieġ għal dan il-pajjiż biex iwaqqaf miżuri oħra għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni stabbiliti fuq it-territorju tiegħu jew [biex] tiffaċilita r-riorganizzazzjoni ta' l-investimenti tal-gruppi internazzjonali inkwistjoni biex jiġi evitat it-tmiem mhux mistenni ta' kuntratti." It-talba tal-Belġju u d-Deċiżjoni 2003/531/KE kienu s-suġġett ta' bosta artikli fl-istampa. Il-Kummissjoni rreaġixxiet għad-deċiżjoni msemmija permezz ta' stqarrija għall-istampa, fis-16 ta' Lulju 2003. La Forum 187 u lanqas ebda wieħed miċ-ċentri ta' koordinazzjoni kkonċernati ma kkuntesta d-deċiżjoni msemmija u lanqas ma kkuntesta l-limiti ta' l-estensjoni sal-31 ta' Diċembru 2005.

(51) Ir-rabanett, il-Qorti tiġbor fil-qosor it-talba ta' Forum 187 hekk kif ġej: "Forum 187 […] talab l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni billi din ma tagħmilx provvediment għal miżuri tranżitorji xierqa għaċ-ċentri li l-ftehim tagħhom kien se jiskadi bejn is-17 ta' Frar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2004" u "iċ-ċentri li l-ftehim tagħhom jiskadi matul is-snin 2003 u 2004 kellhom bżonn perjodu ta' tranżizzjoni ta' sentejn biex jirriorganizzaw irwieħhom, jew inkella, jekk jinqala 'l-każ, li jitilqu mill-Belġju." ([24]). Il-Kummissjoni tqis li bejn is-17 ta' Frar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2005, ikunu għaddew 34 xahar.

(52) Il-ħamesnett, kif awtorizzat l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003, il-Belġju ġedded il-ftehimiet taċ-ċentri ta' koordinazzjoni li kienu jiskadu bejn is-17 ta' Frar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2005. Ħlief għal erba' ċentri ta' koordinazzjoni, dawn il-ftehimiet kollha ġew imġedda għal perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2005. La l-Belġju u lanqas l-intrapriżi kkonċernati ma qajmu l-fatt ta' appell kontra din il-limitazzjoni espliċita tat-tul ta' żmien tal-ftehimiet. Bl-istess mod, jidher li l-ebda waħda mill-intrapriżi kkonċernati ma ppreżentat – la qabel il-31 ta' Diċembru 2005, u lanqas qabel it-22 ta' Ġunju 2006 – talba għal estensjoni tal-ftehim għal perjodu ġdid.

(53) Is-sittnett, l-eżiġenza ta' miżuri tranżitorji xierqa maħsuba biex jippermettu lill-Belġju biex jadatta l-leġiżlazzjoni tiegħu u liċ-ċentri ta' koordinazzjoni biex jadattaw irwieħhom għal skema tat-taxxa ġdida, ta' min jinnota l-elementi li ġejjin:

— Id-Digriet Irjali tas-16 ta' Mejju 2003 li jemenda fil-qasam tat-taxxa miżmuma f'ras il-għajn id-Digriet Irjali ta' Eżekuzzjoni tal-Kodiċi tat-Taxxi fuq id-Dħul ikkoordinat fl-1992 (AR/CIR92) jistipula l-eżenzjoni mit-taxxa miżmuma f'ras il-għajn fuq l-imgħaxijiet imħallsa mill-banek fost il-gruppi (li fosthom hemm iċ-ċentri ta' koordinazzjoni). Dan daħal fis-seħħ fil-5 ta' Ġunju 2003.

([24]) Ara s-sentenza fil-każijiet C-182/03 u C-217/03, il-punti 140 u 145; ara wkoll l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003, il-punt 73; l-appell iddepożitat fit-28.4.2003, notevolment il-punti 5 u 6 tat-talba dwar l-użu tal-proċedura mgħaġġla, il-punt 6 ta' l-appell sommarju u l-punti 148 sa 150, 154 u 158.

— Fit-23 ta' April 2003, il-Kummissjoni approvat l-iskema ta' ruling implimentata mill-Belġju fl-1 ta' Jannar 2003 ([25]), applikabbli wkoll għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni. Hija approvat ukoll parti mill-iskema l-ġdida taċ-ċentri ta' koordinazzjoni nnotifikata f'Mejju 2002. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/378/KE tat-8 ta' Settembru 2004 dwar l-iskema ta' għajnuna li l-Belġju jipproponi li jimplimenta għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni ([26]) kkunsidrat li l-iskema l-ġdida hekk kif il-Belġju impenja ruħu li jemenda ma kienitx kostitwenti ta' għajnuniet mill-Istat.

— Il-liġi tat-22 ta' Ġunju 2005 li tistabbilixxi tnaqqis tat-taxxa għall-kapital spekulattiv ([27]) tistipula skema ta' tnaqqis ta' imgħaxijiet spekulattivi li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006. Għalkemm m'hijiex limitata għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni, din l-iskema ġiet żviluppata bl-għan espliċitu li toffri alternattiva attraenti għall-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni, b'mod partikolari għaċ-ċentri li l-ftehim tagħhom kien jintemm fil-31 ta' Diċembru 2005. Din il-miżura ġiet imħabbra fl-aħħar ta' l-2004 u, sa mill-bidu tas-sena 2005, ġiet ippreżentata lir-rappreżentanti taċ-ċentri ta' koordinazzjoni li, milli jidher, laqgħuha b'mod favorevoli ([28]). Din il-miżura kienet ukoll is-suġġett ta' bosta rapporti mill-istampa.

— Il-liġi tat-22 ta' Ġunju 2005 tistipula wkoll it-tneħħija – ġenerali – tat-taxxa ta' reġistrazzjoni ta' 0.5 % fuq il-kapital investit mill-1 ta' Jannar 2006.

(54) B'riżultat ta' dan, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2006, l-intrapriżi kkonċernati li ddeċidew li jibqgħu fil-Belġju kellhom skema sostituta, li kienet skema sempliċi, ma kienitx timplika riorganizzazzjoni kbira ([29]), u attraenti. Fuq din il-bażi wkoll, id-data tal-31 ta' Diċembru 2005 għalhekk tidher li tikkostitwixxi data raġjonevoli għall-iskadenza tal-perjodu tranżitorju xieraq mitlub mill-Qorti sakemm din tippermetti liċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha biex jgħaddu minn skema għall-oħra mingħajr waqfien. Il-Kummissjoni tiddikjara barra minn hekk li 70 mill-243 ċentru ta' koordinazzjoni preżenti fl-2002 kienu effettivament temmew l-attivitajiet tagħhom fil-Belġju.

### 4. Is-sitwazzjoni taċ-ċentri ta' koordinazzjoni li l-ftehim tagħhom ġie mtawwal bejn is-17 ta' Frar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2005

(55) Għar-raġunijiet li diġà ġew spjegati, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-perjodu tranżitorju xieraq mitlub mill-Qorti kellu jestendi mit-18 ta' Frar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2005. Għall-biċċa l-kbira taċ-ċentri ta' koordinazzjoni li l-ftehim tagħhom ġie mġedded fuq il-bażi ta' l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003 it-tul ta' żmien tat-tiġdid ġie limitat mill-Belġju għall-31 ta' Dicmembru 2005, li għalhekk huwa konformi mal-perjodu tranżitorju xieraq iddefinit fis-sezzjonijiet 2 u 3.

(56) Madankollu, f'dak li għandu x'jaqsam ma' erbgħa miċ-ċentri ta' koordinazzjoni li l-ftehim tagħhom ġie mġedded fuq il-bażi ta' l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003, il-ftehim ġie mġedded mill-Belġju għal tul ta' żmien mhux determinat. Sadanittant, il-Kummissjoni tqis li l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003 tillimita b'mod espliċitu l-effetti ta' tiġdid bħal dan għad-data tas-sentenza fis-sustanza. B'riżultat ta' dan, għalkemm iċ-ċentri ta' koordinazzjoni kkonċernati ma rrinunzjawx għall-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni billi għażlu l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' l-imgħaxijiet spekulattivi fuq id-dħul tas-sena 2006, dawn il-ftehimiet għalhekk kienu koperti b'din l-Ordinanza msemmija sat-22 ta' Ġunju 2006.

(57) Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-perjodu tranżitorju xieraq intemm fil-31 ta' Diċembru 2005, hija tirrikonoxxi, madankollu, li l-istqarrija għall-istampa tagħha tas-16 ta' Lulju 2003 setgħet ħalqet, fost iċ-ċentri ta' koordinazzjoni kkonċernati, il-fiduċja leġittima li ma kienx se jintalab ir-rimborż għall-għajnuniet li minnhom huma kienu effettivament ibbenefikaw sad-data tas-sentenza tal-Qorti fis-sustanza.

(58) Fl-aħħarnett, l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni hija skema tat-taxxa applikata skond is-sena finanzjarja. Sadanittant, f'għadd kbir ta' każijiet, is-sena finanzjarja tikkorrispondi għas-sena ċivili. Billi s-sentenza nħarġet f'nofs is-sena 2006, il-Kummissjoni taħseb li għandu japplika l-prinċipju ta' fiduċja leġittima, għal kull intrapriża kkonċernata, sat-tmiem tal-perjodu taxxabbli ordinarju li kien għaddej fid-data tas-sentenza.

### 5. Is-sitwazzjoni taċ-ċentri ta' koordinazzjoni li l-ftehim tagħhom ġie mġedded qabel in-notifika tad-Deċiżjoni 2003/757/KE

(59) Id-Deċiżjoni 2003/757/KE rrikkonoxxiet fost iċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha l-eżistenza ta' fiduċja leġittima bbażata fuq it-tul ta' żmien tal-ftehimiet ta' 10 snin li

([25]) Il-Belġju – Stedina biex jiġu ppreżentati osservazzjonijiet għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE, dwar il-miżura C 26/03 (ex N 351/02) – Emenda ta' l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni (ĠU C 209, 4.9.2003, p. 2).
([26]) ĠU L 125, 18.5.2005, p. 10.
([27]) Moniteur Belge tat-30 ta' Ġunju 2005.
([28]) Ara t-tweġiba tal-Ministru tal-Finanzi għall-mistoqsijiet parlamentari orali magħmula mis-Sinjura Pieters (MP Nru 5852 tal-15 ta' Marzu 2005), is-Sur Devlies (MP Nru 5911 tal-15 ta' Marzu 2005), is-Sinjura Anseeuw (MP Nru 3-4179 ta' l-20 ta' Jannar 2006).
([29]) L-eżenzjoni ta' taxxa miżmuma minn ras il-għajn u ta' taxxa kapitali ġiet miżmuma għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni u estiża għall-intrapriżi l-oħra, it-tnaqqis għall-imgħaxijiet spekulattivi hija operazzjoni purament fiskali, u għalhekk sempliċi biex tiġi implimentata.

kienu għaddejjin fid-data ta' notifika tad-deċiżjoni msemmija u ddefinixxiet il-perjodu tranżitorju xieraq fuq din l-istess bażi. Il-Qorti kkunsidrat li, fil-qafas ta' skema li saret permanenti, it-tiġdid tal-ftehim kien biss formalità amministrattiva. Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni għalhekk setgħu b'mod leġittimu jistennew li jibbenefikaw minn perjodu tranżitorju xieraq u, meta tkun qiegħda toqrob l-iskadenza tal-ftehim tagħhom, huma setgħu wkoll jistennew li jiksbu t-tiġdid tal-ftehim imsemmi b'mod li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dan il-perjodu tranżitorju xieraq.

(60) Kif indikat fir-reċiti (31) sa (34), il-Qorti ġġudikat ukoll li l-għoti ta' perjodi tranżitorji differenti skond id-data ta' skadenza tal-ftehimiet wassal għal inugwaljanza ta' trattament. Il-Kummissjoni kkonkludiet li hija kellha tistabbilixxi perjodu tranżitorju – xieraq – waħdieni għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha.

(61) Madankollu, il-Qorti annullat id-definizzjoni tal-miżura tranżitorja li tinsab fid-Deċiżjoni 2003/757/KE ħlief f'każ li kienet insuffiċjenti, jiġifieri inqas mill-perjodu tranżitorju xieraq, għal ċerti ċentri ta' koordinazzjoni li l-ftehim tagħhom kien se jiskadi fi ftit żmien. Kif diġà ġie spjegat, il-Kummissjoni taħseb li l-annullament iddikjarat mill-Qorti huwa mmirat biss għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni li l-ftehim tagħhom ġie mġedded bejn is-17 ta' Frar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2005 u li l-perjodu tranżitorju xieraq intemm fil-31 ta' Diċembru 2005.

(62) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni taħseb li s-sentenza tal-Qorti m'annullatx id-definizzjoni tal-perjodu tranżitorju li tinsab fid-Deċiżjoni 2003/757/KE għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni li l-ftehim tagħhom, li kien għaddej fis-17 ta' Frar 2003, kien jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2005 jew f'data ulterjuri. Meta titqies is-sentenza tal-Qorti, għalkemm il-Kummissjoni tikkunsidra madankollu li l-perjodu tranżitorju stabbilit għal dawn iċ-ċentri ta' koordinazzjoni kien twil wisq, hija tiddikjara li d-Deċiżjoni 2003/757/KE, sakemm din tistipula perjodu tranżitorju li jintemm, għal kull ċentru kkonċernat, ma' l-iskadenza tal-ftehim li kien għaddej fid-data ta' notifika tad-Deċiżjoni 2003/757/KE, ma ġietx annullata u għalhekk tibqa' applikabbli. B'riżultat ta' dan, sakemm id-Deċiżjoni 2003/757/KE tibqa' applikabbli, hija ma tippermettix li l-Kummissjoni tnaqqas it-tul ta' żmien tal-perjodu tranżitorju hekk kif stabbilit fid-deċiżjoni msemmija għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni kkonċernati.

(63) Kull deċiżjoni tal-Kummissjoni mmirata biex tistipula, għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha, perjodu tranżitorju identiku li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2005 barra minn hekk ma tkun xejn prattika minħabba l-fiduċja leġittima mqajjma mid-Deċiżjoni 2003/757/KE fost iċ-ċentri ta' koordinazzjoni msemmija fil-paragrafu (62).

## 6. L-istat tal-liġi tas-27 ta' Diċembru 2006

(64) Il-Kummissjoni tinnota li għalkemm hija ma nnotifikatx id-dispożizzjonijiet tal-liġi tas-27 ta' Diċembru 2006 maħsuba biex jippermettu l-estensjoni tal-ftehim taċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha sa tmiem l-2010, il-Belġju ssospenda d-dħul fis-seħħ tagħha għal approvazzjoni espliċita ta' din l-iskema mill-Kummissjoni. Għarraġunijiet spjegati f'din is-sezzjoni, il-Kummissjoni taħseb li ma tistax tapprova dawn id-dispożizzjonijiet u għalhekk tistieden lill-Belġju biex ma japplikahomx.

(65) Fit-tmiem tas-sena 2005, ħlief għall-ftehimiet ta' erba' ċentri ta' koordinazzjoni li huma msemmija fis-sezzjoni 4, il-ftehimiet imġedda fuq il-bażi ta' l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003 skadew. Milli jidher, ma kienx hemm ħsieb għal estensjoni addizzjonali, la mill-Belġju, u lanqas miċ-ċentri ta' koordinazzjoni, sat-tħabbira tas-sentenza fit-22 ta' Ġunju 2006. Il-bażi ġuridika ġdida li tippermetti t-tiġdid taċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha sa tmiem l-2010 ġiet adottata biss fis-27 ta' Diċembru 2006 – jiġifieri sena wara li skadew il-ftehimiet imsemmija. Din il-liġi barra minn hekk tippermetti applikazzjoni retroattiva, jekk ikun il-każ għal intrapriżi li sadanittant ikunu waqfu jibbenefikaw mill-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni.

(66) Għall-kuntrarju tal-Belġju, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-liġi tas-27 ta' Diċembru 2006 m'hijiex biss implimentazzjoni tas-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2006 fil-qafas tal-miżura eżistenti, iżda skema ġdida li, kieku daħlet fis-seħħ mingħajr l-awtorizzazzjoni preliminari tal-Kummissjoni, kienet twassal probabbilment għall-applikazzjoni tal-proċedura applikabbli għall-għajnuniet illegali.

(67) Fil-fatt, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2006 tikkonferma l-inkompatibbiltà ta' l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni mid-data ta' notifika tad-Deċiżjoni 2003/757/KE. Sa mhux aktar tard minn din in-notifika, l-iskema waqfet li tkun skema ta' għajnuniet eżistenti u ċ-ċentri ta' koordinazzjoni daħlu fil-perjodu tranżitorju li matulu huma setgħu jkomplu jibbenenfikaw mill-iskema iżda ma setgħux jistrieħu iktar, kif kien jiġri qabel, fuq il-fiduċja leġittima bbażata fuq id-deċiżjonijiet jew il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni fl-1984, l-1987 u l-1990 ([30]). L-appelli ddepożitati u l-konferma mill-Qorti, f'Ġunju 2006 biss, ta' din l-inkompatibbiltà x'aktarx m'humiex se jimmodifikaw din l-affermazzjoni. Fil-fatt, l-appelli – kif inhuma – m'għandhomx effett ta' sospensjoni u l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003 ma ssospendietx il-kwalifika ta' skema ta' għajnuna inkompatibbli. Għall-istess raġunijiet, il-fiduċja leġittima tal-Belġju fil-kompatibbiltà ta' l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni tħassret l-aktar tard mid-Deċiżjoni 2003/757/KE u, minħabba li kien jaf il-fatti li l-Belġju llimita sal-31 ta' Diċembru 2005 l-estensjonijiet ta' ftehim mogħtija fuq il-bażi ta' l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003.

([30]) It-tweġiba tat-12 ta' Lulju 1990 għall-mistoqsija miktuba nru 1735/90 tas-Sur G. de VRIES lill-Kummissjoni (ĠU C 63, 11.3.1991, p. 37).

(68) A fortiori, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-deċiżjoni tal-Belġju, meħuda wara s-sentenza tal-Qorti li kkonfermat b'mod definittiv l-inkompatibbiltà ta' l-iskema mas-Suq Komuni, li jġedded fuq talba l-ftehimiet taċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha sa tmiem l-2010 ma tistax titniżżel fil-qafas tal-miżura eżistenti, u lanqas tkun koperta minn kwalunkwe fiduċja leġittima mqajjma mill-Kummissjoni. B'mod partikolari, il-fiduċja leġittima rikonoxxuta fost iċ-ċentri ta' koordinazzjoni li l-ftehim tagħhom ġie mġedded fuq il-bażi ta' l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003 ma tista' tiġi estiża għat-tiġdid mogħti taħt il-liġi tas-27 ta' Diċembru 2006. Fil-fatt, jekk mogħtija wara d-data tas-sentenza tal-Qorti fis-sustanza, huma ma jkunux aktar koperti mill-effetti ta' l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003 u għalhekk l-ebda fiduċja leġittima ma tirriżulta mill-istqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2003.

(69) B'riżultat ta' dan, kull estensjoni ta' l-iskema ta' għajnuniet inkompatibbli li sadanittant tkun ingħatat probabbilment għandha tkun ikkunsidrata bħala għajnuna illegali, li tista' tkun l-għan ta' talba ta' rkupru.

## 7. Tqabbil mal-perjodi tranżitorji ddefiniti f'deċiżjonijiet oħra tal-Kummissjoni

(70) Kif indikat fl-inċiż ((23)), il-Belġju jitlob ukoll l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza ta' trattament meta jqabbel ma' miżuri fiskali li, bħall-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni, huma s-suġġett ta' deċiżjoni taħt għajnuniet mill-Istat. B'mod partikolari jissemmew l-iskemi tal-kumpaniji ta' investiment imsejħin ta' l-1929 fil-Lussemburgu, l-"exempt companies" ta' Ġibiltà u ż-Żona Ħielsa tal-Madejra, fejn il-Kummissjoni tat miżuri tranżitorji sa l-2010 u anke awtorizzat l-għoti ta' l-iskema għal applikanti ġodda.

(71) Il-Kummissjoni taħseb li kull fajl huwa partikolari. F'kull waħda mid-deċiżjonijiet ikkonċernati, il-miżuri tranżitorji kienu ġew stabbiliti wara li tqiesu l-karatteristiċi partikolari proprji għal kull skema, il-benefiċjarji tagħha u l-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni taħseb li għamlet l-istess fil-każ taċ-ċentri ta' koordinazzjoni Belġjani billi stabbilixxiet fid-Deċiżjoni 2003/757/KE, għar-raġunijiet spjegati preċedentement, it-tmiem tal-perjodu tranżitorju raġjonevoli għal mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010.

(72) Il-Kummissjoni tiddikjara b'mod partikolari li din id-Deċiżjoni hija segwitu ta' sentenza tal-Qorti li hija trid timplimenta. Il-Kummissjoni ma tistax fl-ebda każ tbiddel l-implimentazzjoni ta' din is-sentenza bit-tqabbil sempliċi tat-tul ta' żmien tal-miżuri tranżitorji mogħtija f'fajls oħra.

(73) Barra minn hekk, mingħajr ma nidħlu f'ġustifikazzjoni dettaljata fis-sustanza, li l-Kummissjoni diġà tat fid-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu (23), il-Kummissjoni tqis fir-rigward tal-forma li ċerti deċiżjonijiet huma qodma, oħrajn huma reċenti ħafna, uħud jawtorizzaw id-dħul ta' applikanti ġodda, oħrajn le u x'uħud għandhom bosta kundizzjonijiet. Barra minn hekk, jistgħu jintużaw ukoll punti oħra ta' tqabbil, li, skond l-opinjoni tal-Kummissjoni, huma wkoll validi. Għalhekk, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iskema Olandiża ta' finanzjament ta' attivitajiet internazzjonali (*Concernfinancieringsactiviteiten*) li ntemmet fis-17 ta' Frar 2003 wkoll, bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/515/KE ([31]), il-miżuri tranżitorji kienu ddefiniti bl-istess mod bħaċ-ċentri ta' koordinazzjoni, skond l-iskadenza tal-ftehimiet ta' 10 snin. Bl-istess mod, għalkemm ma kienux is-suġġett ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, il-Belġju temm skemi speċjali taċ-ċentri ta' distribuzzjoni u ċ-ċentri ta' servizzi, għall-intrapriżi kollha, fil-31 ta' Diċembru 2005. Iċ-ċirkulari amministrattiva li tħabbar din it-tneħħija, ippubblikata fl-20 ta' Settembru 2005, tindika li dawn l-iskemi ġew mibdula bis-sistema ta' deċiżjonijiet antiċipati li twaqqfet wara l-1 ta' Jannar 2003 (l-Artikolu 20 tal-liġi ta' l-24 ta' Diċembru 2002).

(74) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni taħseb li hija ma tistax tilqa' l-argumenti bbażati fuq tqabbil ma' fajls oħra.

## 8. In-nuqqas ta' sigurtà ġuridika b'riżultat tan-nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni

(75) Il-Belġju jaħseb li perjodu tranżitorju itwal ikun ġustifikat bin-nuqqas ta' sigurtà ġuridika li rriżulta bin-nuqqas tal-Kummissjoni li tistabbilixxi malajr miżuri tranżitorji ġodda wara l-annullament imħabbar mill-Qorti.

(76) Il-Kummissjoni taħseb li hija ma tistax tiġi mgħobbija bir-responsabbiltà tad-dewmien iddikjarat.

(77) L-ewwelnett, la l-interpretazzjoni mogħtija mill-Belġju, u lanqas l-intenzjoni tiegħu, li rriżultat minnha, li jestendi l-ftehim taċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha sal-31 ta' Diċembru 2010 ma kienu s-suġġett ta' notifika – u lanqas ta' nota ta' informazzjoni – lill-Kummissjoni.

(78) It-tieninett, fl-4 ta' Lulju 2006 il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-Belġju mmirata biex tiġbor l-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tas-sentenza tal-Qorti u biex tikseb konferma ta' l-implimentazzjoni tajba tad-Deċiżjoni 2003/757/KE, wara li jitqiesu l-effetti ta' l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003 u tas-sentenza msemmija.

([31]) ĠU L 180, 18.7.2003, p. 52.

Fin-nuqqas ta' tweġiba, intbagħtet l-ewwel nota ta' tfakkir fit-23 ta' Awwissu 2006. Minkejja noti ta' tfakkir ulterjuri, kemm formali kif ukoll informali, u l-għoti ta' tul ta' żmien addizzjonali għal tweġiba, l-informazzjoni mitluba ġiet biss ipprovduta lill-Kummissjoni f'Jannar 2007. Sadanittant, jidher mill-memorandum ta' spjegazzjoni u l-Artikolu 379 tal-liġi tas-27 ta' Diċembru 2006 li, sa mill-20 ta' Lulju 2006, il-Ministru tal-Finanza ngħata mandat biex jaċċetta malajr kemm jista' jkun it-talbiet ta' tiġdid fir-rigward taċ-ċentri ta' koordinazzjoni.

(79) Fuq bażi ta' l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha sa dak iż-żmien (ara l-paragrafu (21), il-Kummissjoni kienet qiegħda tistenna li l-Belġju jtawwal il-ftehim taċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha sa tmiem l-2005, perjodu li għall-Kummissjoni jikkorrispondi għall-perjodu tranżitorju xieraq mitlub mill-Qorti. L-informazzjoni pprovduta mill-Belġju f'Jannar 2007 ħabbret għall-kuntrarju l-intenzjoni tal-Belġju li jestendi l-ftehim taċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha sa tmiem l-2010 fuq bażi ta' liġi adottata f'Diċembru 2006 li ma kienitx innotifikata lill-Kummissjoni. Dawn l-elementi ġodda ġġustifikaw l-adozzjoni fil-21 ta' Marzu 2007 tad-deċiżjoni ta' estensjoni ta' proċedura u l-analiżi ta' l-argumenti l-ġodda ppreżentati mill-Belġju u l-partijiet terzi.

(80) It-tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' Lulju 2006 ġew ipprovduti mill-Belġju fis-16 ta' Jannar 2007.

## VI. **KONKLUŻJONIJIET**

(81) L-ewwelnett, il-Kummissjoni trid temenda d-Deċiżjoni 2003/757/KE billi din ġiet annullata mis-sentenza tal-Qorti tat-22 ta' Ġunju 2006.

(82) Is-sentenza tal-Qorti tat-22 ta' Ġunju 2006 fil-każijiet konġunti C-182/03 u C-217/03 tannulla d-Deċiżjoni 2003/757/KE "billi din ma tagħmilx provvediment għal miżuri tranżitorji fir-rigward taċ-ċentri ta' koordinazzjoni fejn it-talba għat-tiġdid ta' ftehim kienet għadha pendenti fid-data ta' notifika tad-Deċiżjoni kkuntestata jew fejn il-ftehim kien jiskadi fl-istess żmien jew ftit żmien wara n-notifika tad-Deċiżjoni msemmija."

(83) Wara din is-sentenza, id-dispożizzjoni tad-Deċiżjoni 2003/757/KE għandha tiġi emendata b'mod:

— li tagħmel provvediment għal miżuri tranżitorji partikolari għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni li t-talba ta' tiġdid tagħhom kienet pendenti fid-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni jew li l-ftehim tagħhom kien jiskadi fl-istess ħin jew ftit wara n-notifika tad-Deċiżjoni msemmija, jiġifieri bejn it-18 ta' Frar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2005;

— li tawtorizza, fil-qafas ta' dawn il-miżuri tranżitorji partikolari, liċ-ċentri ta' koordinazzjoni kkonċernati biex jibbenefikaw mill-iskema ta' għajnuniet mill-Istat li kienu inkompatibbli sal-31 ta' Diċembru 2005;

— li tawtorizza, biex isir dan, it-tiġdid temporanju tal-ftehimiet taċ-ċentri ta' koordinazzjoni kkonċernati, sakemm dan huwa meħtieġ biex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-iskema sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005. Il-projbizzjoni ta' tiġdid, għall-kumplament, għandha tinżamm.

(84) Id-Deċiżjoni m'għandhiex tiġi emendata aktar. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma terġax tqajjem il-perjodi tranżitorji mogħtija mid-Deċiżjoni 2003/757/KE sakemm hija tippermetti lil ċerti ċentri ta' koordinazzjoni biex jibbenefikaw mill-iskema inkompatibbli sa l-iskadenza tal-ftehim tagħhom li għadu għaddej u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010. Dan l-aspett tad-deċiżjoni ma ġiex annullat mill-Qorti u għalhekk għadu applikabbli.

(85) It-tieninett, il-Kummissjoni trid ukoll tirrikonoxxi li l-istqarrija ta' l-istampa tagħha tas-16 ta' Lulju 2003 setgħet qajmet, fost l-erba' ċentri ta' koordinazzjoni li l-ftehim tagħhom ġie mġedded fuq il-bażi ta' l-Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003 u għal tul ta' żmien mhux determinat, il-fiduċja leġittima li huma setgħu jibbenefikaw mill-iskema inkompatibbli sad-data tas-sentenza tal-Qorti fis-sustanza. Din is-sentenza nħarġet fit-22 ta' Ġunju 2006 u meta jitqies il-karattru fiskali tal-miżura, il-benefiċċju tal-fiduċja leġittima għandu jiġi estiż biex iħalli lil dawn iċ-ċentri ta' koordinazzjoni jibbenefikaw mill-iskema inkompatibbli sat-tmiem tal-perjodu taxxabbli ordinarju li kien għaddej fid-data tas-sentenza.

(86) It-tieletnett, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Belġju biex jirrinunzja milli jdaħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-liġi tas-27 ta' Diċembru 2006 maħsuba biex itawlu l-ftehim taċ-ċentri ta' koordinazzjoni kollha sal-31 ta' Diċembru 2010, billi dawn id-dispożizzjonijiet huma inkompatibbli mas-Suq Komuni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2003/757/KE jiġi miżjud it-test li ġej:

"Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni li t-talba tagħhom ta' tiġdid hija pendenti fid-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni jew li l-ftehim tagħhom jiskadi fl-istess ħin jew ftit wara din in-notifika, jiġifieri bejn id-data ta' din in-notifika u l-31 ta' Diċembru 2005, jistgħu jkomplu jibbenefikaw mill-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2005. It-tiġdid tal-ftehim taċ-ċentri ta' koordinazzjoni msemmija huwa awtorizzat sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005."

*Artikolu 2*

L-erba' ċentri ta' koordinazzjoni stabbiliti fil-Belġju li l-ftehim tagħhom ġie mġedded għal tul ta' żmien indeterminat fuq il-bażi ta' l-Ordinanza tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tas-26 ta' Ġunju 2003 li tħabbar is-sospensjoni ta' l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2003/757/KE jistgħu jibbenefikaw mill-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni sat-tmiem tal-perjodu taxxabbli ordinarju li kien għaddej fit-22 ta' Ġunju 2006.

*Artikolu 3*

Il-liġi tas-27 ta' Diċembru 2006 hija inkompatibbli mas-Suq Komuni minħabba li d-dispożizzjonijiet tagħha huma maħsuba biex jestendu, permezz ta' deċiżjonijiet ġodda ta' tiġdid ta' ftehim, l-iskema taċ-ċentri ta' koordinazzjoni lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2005.

Il-Kummissjoni b'riżultat ta' dan tistieden lill-Belġju biex jirrinunzja milli jdaħħal fis-seħħ id-dispożizzjonijiet ikkonċernati tal-liġi tas-27 ta' Diċembru 2006.

*Artikolu 4*

L-Artikolu 1 japplika mit-18 ta' Frar 2003.

*Artikolu 5*

Il-Belġju jinforma lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, bil-miżuri meħuda biex jikkonforma magħha.

*Artikolu 6*

Ir-Renju tal-Belġju huwa d-destinatarju ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, 13 ta' Novembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Neelie KROES

*Membru tal-Kummissjoni*